**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**GURISDIZZJONI INFERJURI**

**MAGISTRAT DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta tal-lum, it-Tlieta, 15 ta' Mejju 2018**

**Avviz numru 1/2016 (JVC)**

**Jesmond Micallef**

**-vs-**

**Adrian Mercieca u Andrew Mercieca**

**Il-Qorti;**

Rat l-Avviz datat 4 ta' Frar, 2016 fejn l-attur Jesmond Micallef talab li l-konvenuti jigu kkundannati jhalsuh:

'is-somma ta' sitt elef, disa' mija u sitta u tmenin euro u tnejn u erbghin centezmu (€6,986.42) rapprezentanti hlas dovut ghall-bejgh ta' diversi provvisti ta' frott u haxix u prodotti relatati mibjugha u kkonsenjati mill-pitkalija ta' Ghawdex (Gozitano).

Bl-imghax skont il-ligi.

Bl-ispejjez kollha nkluzi dawk tal-ittri nterpellatorji tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Novembru elfejn u hmistax (2015) u tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Dicembru elfejn u hmistax (2015).'

Rat ir-risposta ta' Adrian Mercieca u Andrew Mercieca fejn eccepew:

'Illi t-talbiet attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt ghaliex l-eccipjenti ma ghandhom jaghtu xejn lill-attur.

Infatti huma kienu hallsu u ssaldaw l-ammonti kollha dovuti lill-attur minnhom fl-4 ta' Dicembru 2014 u minn dakinhar 'il hawn ma xtraw l-ebda prodotti minghandu.

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess l-ammonti li qed jintalbu jhallsu lill-attur qatt ma kien dovut minnhom ghaliex kif anki jirrizulta minn korrispondenza mibghuta mill-attur innifsu fl-2014, l-ammont inizjalment dovut mill-attur kien ferm u ferm inqas minn dak illum mitlub.

Salvi risposti ulterjuri fid-ritt u fil-fatt.'

Rat ukoll ir-risposta ulterjuri ammessa mill-Qorti tal-istess Adrian Mercieca u Andrew Mercieca fejn eccepew:

‘Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra taghhom, it-talbiet tal-attur huma fi kwalsiasi kaz kolpiti bil-preskrizzjoni ta’ tmintax-il xahar fit-termini tal-artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.’

Rat li ghalkemm il-konvenuti ressqu talba lil din il-Qorti sabiex jigu awtorizzati jintavolaw eccezzjoni dwar l-interess guridiku tal-attur, din it-talba ma gietx milqugha mill-Qorti w’ghalhekk din l-eccezzjoni kif miktuba mill-konvenut ma ghandha l-ebda validita’ fl-atti. Nonostante dan din il-Qorti kienet appuntu cahdet it-talba sabiex tigi ntavolata din l-eccezzjoni stante li huwa dejjem intiz li attur ghandu jipprova l-interess guridiku tieghu f’kawza ntavolata minnu titqajjem jew le eccezzjoni f’dan is-sens mill-konvenuti.

Rat li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni giet rinunzjata mill-konvenuti permezz ta’ nota tal-kovenuti datata 7 ta’ Frar, 2018 a fol. 234 tal-process;

Rat ix-xhieda, affidavits, dokumenti u provi kollha fl-atti;

Rat illi fil-verbal tas-7 ta’ Frar, 2018 il-kawza giet differita ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta’ li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub f’termini mposti fuqhom;

Rat is-sottomissjonijiet fl-atti.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-kawza titratta talba ghall-hlas ta' debitu ghall-ammont ta' sitt elef, disa' mija u sitta u tmenin Euro u tnejn u erbghin centezmu (€6986.42) minghand il-konvenuti lill-attur rapprezentanti hlas dovut fuq bejgh ta' provvisti ta' frott u haxix konsenjati mill-attur lill-konvenuti mill-pitkalija t'Ghawdex (Gozitano).

Il-konvenuti jeccepixxu li huma hallsu a saldu lill-attur fl-4 ta' Dicembru, 2014 w'ghalhekk ma hemm xejn dovut lilu, jeccepixxu in oltre li l-ammont mitlub qabel ma hallsuh fl-4 ta' Dicembru, 2014 kien ferm anqas minn dak mitlub illum fil-kawza odjerna.

**Fatti:**

Illi l-fatti saljenti li rrizultaw lill-Qorti f'din il-kawza huma kif isegwu:

1. Illi l-attur Jesmond Micallef kien jagixxi ta' pitkal gewwa l-pitkalija tal-koperattiva Gozitano gewwa Ghawdex. Bhala pitkal tal-koperattiva kien jidhol ghandu l-prodott lokali minghand il-bdiewa u kien jiehu hsieb li jinbiegh. Dwar hlas ta' dan il-bejgh jirrizulta li jew il-prodott kien jithallas direttament lill-attur dak il-hin stess u jghaddi l-istess hlas lill-koperattiva nkella jekk ma jithallasx direttament, b'mod partikolari minn bdiewa li kienu kemm igibu l-prodott fil-pitkalija kif ukoll jixtru, l-attur kien jghaddi l-informazzjoni ta' dak li jkun inbiegh lill-koperattiva u din tohrog id-dokumenti ghall-hlas relattivi. Ezempju ta' dawn id-dokumenti huma esebiti a fol. 205 tal-process;

2. Illi l-attur Jesmond Micallef kien jithallas 'commission' minghand il-koperattiva fuq il-bejgh tal-prodott lokali li huwa kien jaghmel. Jirrizulta wkoll li kien hemm ftehim bejn l-attur Jesmond Micallef u l-koperattiva li r-responsabbilta' finali sabiex jingabar il-hlas minghand il-klijenti kien tal-istess Jesmond Micallef altrimenti dak li ma jingabarx jitnaqqas mill-ammont ta' 'commission' dovut lilu. Ghalkemm kopja ta' dan il-ftehim baqa' ma giex prezentat tul il-mori tal-kawza kollha, l-ezistenza ta' dan il-ftehim apparti mix-xhieda tal-attur stess gie kkonfermat minn diversi xhieda kif isegwi:

a) Ix-xhieda tal-Manager tal-koperattiva Dr. Joseph Grech fejn a fol. 151 xehed li dak li ma jingabarx jinqata' mill-persentagg tal-pitkal. Huwa xehed ukoll kif isegwi a fol. 155:

'The intermediate beneficiary huwa ovvjament Jesmond imhabba l-fatt li nkella, jekk Jesmond ma jigborx il-flus, Jesmond ser tinqaghtalu mill-commission.'

b) Ix-xhieda ta' Patrick Caruana a fol. 206 et seq tal-process wkoll impjegat tal-koperattiva li a fol 209 ikkonferma kif isegwi:

'Imma Jesmond huwa obbligat bhala pitkal, ghandu l-kuntratt li l-flus jekk ma jingabrux responsabbli minnhom hu.';

3. Illi apparti li jbiegh il-prodott lokali, l-attur Jesmond Micallef kien inghata wkoll il-permess mill-koperattiva Gozitano li jimporta frott u haxix minn barra u jbieghhom mill-istess sit tal-koperattiva. Dan in-

negozju kien kollu a riskju tal-attur Jesmond Micallef tant li kien hu li jiehu hsieb esklussivament il-pagamenti dovuti lilu fuq dan il-prodott ghalkemm il-koperattiva kellha persentagg mill-qliegh tal-bejgh tal-prodott ta' barra. Dan il-ftehim gie kkonfermat kemm mill-attur, mix-xhieda gia hawn fuq imsemmija kif ukoll mill-istess konvenut Andrew Mercieca fejn a fol. 190 tal-process jikkonferma li hu jaf li Jesmond kien inghata dan il-permess sabiex ibiegh il-prodott ta' barra;

4. Illi jirrizulta mhux kontestat li l-konvenuti minn meta fethu hanut tal-frott u l-haxix fix-Xaghra Ghawdex kienu jixtru minghand l-attur kemm il-prodott lokali kif ukoll il-prodott barrani. Dan jikkonfermah il-konvenut Andrew Mercieca a fol. 190 tal-process. L-istess Andrew Mercieca a fol. 193 tal-process jirrikonoxxi li fir-rigward ta' hlas kien hemm distinzjoni bejn il-frott li normalment kien jigi minn barra u kienu jhallsu direttament lill-attur u x-xoghol lokali li kien jithallas mod iehor fis-sens li jithallas lill-kooperattiva (ara fol. 190 tal-process). Il-konvenut l-iehor Adrian Mercieca (iben il-konvenut l-iehor) fil-kontro-ezami tieghu (ara fol. 219 et seq tal-process) ma deherx li kien daqshekk edott mill-fatt li l-prodott kien ikun separat u li kien hemm sistema li dawn jigu 'invoiced' u mhallsa b'mod separat.

5. Illi jirrizulta wkoll li l-konvenut Andrew Mercieca kien ferm edott minn kif kienu jimxu l-affarijiet gewwa l-koperattiva Gozitano stante li sas-sena 2015 huwa kien membru tal-istess u kien jattendi ghal-laqghat kif jikkonferma d-dokument esebit a fol. 239 tal-process minn fejn jidher li l-ahhar laqgha tal-koperattiva li attenda l-konvenut kienet dik tad-29 ta' Dicembru, 2015.

6. Illi jirrizulta li huwa minnu li fis-sena 2014 l-attur hareg talba ghall-pagament lill-konvenuti ghas-somma ta' tlett elef u tnejn u tmenin Euro u hamsin centezmu (€3082. 50). L-attur isostni li dan kien il-kont ta' dak dovut direttament lilu fuq frott u haxix impurtat u li ghalhekk ma kellha xejn x'taqsam mieghu l-koperattiva. L-attur ma jichadx ukoll li dan il-kont gie mhallas lilu 'in full' kif jirrizulta mid-dokument fil-process a fol. 8. Il-konvenuti jsostnu li l-kliem 'paid full' ghandhom ifissru li allura huma ma kellhom jaghtu xejn aktar lill-attur oltre l-ammont indikat fuq dan id-dokumenti. Il-Qorti tirrileva li dan id-dokument jidher li hareg minn Jesmond Micallef bhala 'Wholesale of Imported Fruit' u mhux indikat prodott lokali. Il-kontijiet li jidhru fuq dan id-dokument jirrizultaw minn kotba ta' 'invoices' esebiti mill-istess attur a fol. 205 tal-process liema kotba huwa jispjega li kienu riservati jew ahjar jintuzaw biss ghax-xoghol ta' barra li l-konvenuti kienu jixtru minghandu (ara fol. 203). Fir-rigward tax-xoghol lokali l-attur spjega diversi drabi kif ukoll gie konfermat mix-xhieda mpjegati tal-koperattiva li ghax-xoghol lokali kienu jinhargu 'invoices' diversi mill-koperattiva fl-eghluq tal-gurnata tax-xoghol esebiti a fol. 160 tal-process skont l-informazzjoni li kien jghaddi l-attur Jesmond Micallef;

7. Illi kif ikkonferma kemm l-attur kif ukoll ix-xhieda mpjegati tal-koperattiva l-ammont mitlub f'din il-kawza huwa fit-total dak ta' sitt elef, disa' mija u tmenin Euro u tnejn u erbghin centezmu (€6986.42) rapprezentanti biss xoghol lokali (mhux dak ta' barra) rifless fl-'invoices' esebiti a fol. 160 tal-process. Dan ghall-prodotti mibjugha lill-konvenuti bejn il-perjodu tas-6 ta' Frar, 2013 u 2 ta' Settembru, 2013.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Interess guridiku:

Illi fil-mori tal-kawza l-konvenuti fil-linja difensjonali taghhom kif ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom emfasizzaw fuq l-allegat nuqqas ta' interess guridiku sabiex l-attur jippromwovi l-kawza odjerna. Ghalkemm din il-Qorti ma ppermettitx li titqajjem din l-eccezzjoni bil-miktub mill-konvenuti, jibqa' dejjem il-fatt li sabiex attur ikollu success fit-talba tieghu, fl-ewwel lok u qabel kollox ghandu jipprova l-interess guridiku tieghu.

Illi l-konvenuti jsostnu li l-attur ma ghandux interess guridiku li jippromwovi din il-kawza stante li skont huma l-ammont in kwistjoni, jekk dovut, huwa dovut lill-koperattiva u mhux lill-attur. Illi mill-atti jirrizulta li fil-fatt dan l-ammont huwa principalment dovut lill-koperattiva. Jirrizulta izda ftehim mal-pitkal Jesmond Micallef li huwa ghandu r-responsabbilta' li jigbor il-flus dovuti lill-koperattiva altrimenti dawn jitnaqqsulu mill-'commission' dovuta lilu. Biex ikun car, mhux titnaqqas il-'commission' dovuta fuq l-ammont mhux migbur izda sahansitra jitnaqqas l-ammont kollu mhux migbur mill-'commission' dovuta lilu anki fuq bejgh iehor li l-flus tieghu jkun ingabar.

Illi l-attur isostni li huwa ghandu nteress guridiku sabiex jippromwovi din il-kawza stante li l-koperattiva naqset milli thallsu l-istess ammont mitlub fil-kawza dovuti lilu bhala 'commission'. Dan gie kkonfermat mir-rapprezentanti u mpjegati tal-koperattiva li xehdu fl-atti. Sahansitra

gie kkonfermat mix-xhud Anabelle Briffa li nfethet kawza kontra l-attur sabiex jigi rkuprat minnu dan l-ammont ta' bejgh li sar lill-konvenuti (ara fol. 212 et seq tal-process).

Illi d-difensur tal-konvenuti f'dan ir-rigward ikkwota diversa gurisprudenza dwar dan il-punt fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu kif isegwi:

> 'Fil-kawza fl-ismijiet **<u>Maria Tabone et vs Joseph Schembri</u>**, deciza fit-30 ta' Jannar, 2007 il-Qorti qalet:
>
> > *"Dwar il-kuncett ta' l-interess guridiku, jibda biex jinghad, li; Fil-kawza fl-ismijiet* ***Giulia Maria Millard vs George Said et noe*** *deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Superjuri [LXXII-I-II-299] inghad li biex wiehed jista' jinghad li ghandu interess guridiku li jipproponi azzjoni, hemm bzonn li l-kawza li jipproponi tkun tista tipproducilu rizultat utli jew vantaggjuz ghalih.*
> >
> > *Fil-kawza fl-ismijiet* ***<u>Alexander Eminyan vs John Mousu` pro et nomine</u>*** *deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Superjuri fit-28 ta' Frar, 1997 [LXXXI-11-429] gie ritenut li l-interess guridiku jrid ikun reali u attwali u ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta' vjolazzjoni ta' xi dritt li jappartjeni lill-attur u f'dan is-sens allura jrid ukoll ikun personali. Irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbusiv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-*

*pregudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir. L-interess irid ikun guridiku, cioe` bbazat fuq xi dritt pretiz lez ta' l-atturi. (Mattirolo Vol. I pag.50; Mortara VoII p.588;).*

*Il-Mattirolo f'dan ir-rigward jispjega li: "L'azione compete soltanto e tutela dei diritti; l'interesse e` scompagnato dal diritto, non vi ha azione, non guidizio possibile; cosi che, per istituire un giudizio, non basta che un fatto d'altro pregudichi I nostri interessi, ma occorre che questo fatto arrechi un danno giuridico, che non esiste se non e` 'injuria datum', se cioe` non e` prodotto da chi esorbitando dalla sfera del diritto proprio, offende un nostro diritto." Il-ligi qeghda hemm biex tipprotegi dak l-interess li ghandu dritt bhala bazi tieghu. Huwa ghalhekk, li jinghad li linteress huwa l-mizura ta' l-azzjoni. L-interess irid ikun dirett, personali, konkret jew attwali cjoe jrid johrog minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt. (Ara **Philip Andrew Ransley et vs Emanuel Coleiro et noe** deciza mill-Qorti ta' L-Appell fid-29 ta' Jannar 1997).*

*Illi minbarra dan, u dejjem ghal dak li jirrigwarda l-aspett ta' l-attwalita` tal-interess f'attur, irid jintwera li dak linteress jibqa' jsehh matul il-hajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss fil-bidu taghha, ghaliex jekk dan l-interess jonqos, il-konsegwenza hija li l-konvenut jigi liberat millosservanza tal-gudizzju. Hekk gie ritenut fil-kawza **Joseph Sammut et noe vs Carmelo Attard** Appell Civili datat 17 ta' Frar 1993.*

*Ghalhekk jekk wiehed jipprova jigbor dawn il-principji filqasir wiehed jista' jghid li l-interess guridiku: - irid ikun attwali [jezisti fil-mument li tigi proposta l-azzjoni riferibbilment ghal ksur ta' jedd u jibqa' jezisti fil-kors kollu tal-kawza] - irid ikun dirett - irid ikun legittimu [konformi ghal dritt ta' l-attur, u mhux biss interess] - irid ikun guridiku [interess li jadixxi l-Qorti biex jottjeni dak li jitlob] - l-azzjoni trid tkun kapaci li twassal lill-attur ghall-otteniment ta' vantagg u utilita` - ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta' vjolazzjoni ta' xi dritt li jappartjeni lill-attur - il-kawza li jipproponi tkun tista' tipproducilu rizultat utli jew vantaggjuz ghalih. - Irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbusiv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament subit millattur konsegwenzjali ghal tali agir - Ma jistax ikun ipotetiku, ghalkemm jista' jirreferi ghal jedd morali jew suggettiv."*

Mentri fis-sentenza **Onor. E. Fenech Adami vs Dr. George Abela et** (App. Civ. (Imh JSP) – 6 ta' Ottubru 1999 – Vol. LXXXIII. Ii.331) l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell sostniet:-

*"Illi d-definizzjoni accettata fil-gurisprudenza nostrana ta' interess guridiku hija dik tal-Mortara li jghid li l-interess guridiku huwa 'l'utilita` finale della domanda giudiziale nel tema dell'asserita` esistenza o violazione del diritto'. Illi ghalkemm fis-sistema taghna tista' tinghata dikjaratorja huwa rekwizit essenzjali li jkun hemm dritt legali li jkun il-*

*bazi li bih l-attur ikun jista' jippromwovi u jitlob l-accertament tieghu permezz ta' l-awtorita` gudizzjarja."*

Fil-kawza **Emilio Persiano vs Il-Kummissarju tal-Pulizija** (P.A. (JRM) 18 ta' Jannar 2001 – Cit. Numru 1790/00/JRM), il-Qorti qalet hekk:

*"Illi ghal bosta snin il-Qrati taghna fissru li l-elementi mehtiega biex isawru interess ta' l-attur f'kawza huma tlieta, u jigifieri li l-interess irid ikun guridiku, li l-interess irid ikun dirett u personali u li dak l-interess ikun attwali. B'ta' l-ewwel, wiehed jifhem li dak l-interess ghandu jkollu mqar iz-zerriegha ta' l-ezistenza ta' jedd u l-htiega li tilqa' ghal kull attentat ta' ksur tieghu minn haddiehor. Dan l-interess m'hemmx ghalfejn ikun jissarraf fi flus jew f'valur ekonomiku [ara per ezempju, Qorti ta' l-Appell fil-kawza flismijiet "**Falzon Sant Manduca vs Weale**", maqtugha fid- 9 ta' Jannar 1959, Kollezz. Vol XLIII.i.11".*

Fis-sentenza **J. Muscat et vs R. Buttigieg et** (App. Civ. 27 ta' Marzu 1990 – Vol. LXXIV.iii.481) intqal:

*"L-interess irid ikun*

*a) guridiku, jigifieri d-domanda jrid ikun fiha ipotesi ta' l-ezistenza ta' dritt u l-vjolazzjoni tieghu:*

*b) dirett u personali: fis-sens li huwa dirett meta jezisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi taghha, personali fis-sens li jirrigwarda l-attur, hlief fl-azzjoni popolari;*

*c) attwali fis-sens li jrid johrog minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt, jigifieri l-vjolazzjoni attwali tal-ligi trid tikkonsisti f'kondizzjoni pozittiva jew negattiva kontrarja ghall-godiment ta' dritt legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur."*

Fil-kawza deciza mill-Prim'Awla fit-2 ta' Mejju, 2002 fl-ismijiet **George Laferla et vs Joseph Lauri et** ingħad li:

*"Huwa risaput li l-interess ta' l-attur f'kawza jrid jibqa' jissussisti matul il-hajja ta' l-azzjoni, ghaliex jekk tali interess jigi nieqes, il-kawza ma tkunx tista' tissokta (ara "**Calleja vs Micallef**" deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-1 ta' April, 1992, u "**Sammut vs Attard**" deciza wkoll mill-istess Qorti ta' l-Appell fis-17 ta' Frar, 1993)."*

Illi din il-Qorti tikkonkorri mal-insenjamenti hawn fuq suesposti izda ma taqbel xejn mas-sottomissjoni tal-konvenuti li dawn iwasslu ghall-konkluzjoni li l-attur ma ghandux l-interess guridiku neccessarju sabiex jipproponi l-kawza odjerna. Illi skont l-insenjamenti hawn fuq ikkwotati jirrizulta lill-Qorti li l-kawza odjerna tista' tipproduci rizultat utli u/jew vantaggjuz lill-attur stante li mal-hlas ta' dak dovut mill-konvenuti lilu, jiskatta d-dritt tal-attur li jithallas il-'commission' mizmuma mill-koperattiva li qed izommu responsabbli ghall-irkupru tal-hlas dovut mill-konvenuti ghalhekk minn dan il-lat il-jedd tal-attur huwa wiehed guridiku. Jirrizulta li huwa l-agir abbusiv tal-konvenuti li qed jinsistu li ma jhallsux dak allegatament f'dan l-istadju dovut minnhom li qed jilledi d-dritt tal-attur li jithallas il-'commission' f'ammont ekwivalenti

minghand il-koperattiva – ghal din ir-raguni l-Qorti tqis li allura l-jedd tal-attur li jiftah din il-kawza kontra l-konvenuti huwa wiehed dirett u personali. Jirrizulta wkoll li dan il-jedd huwa wiehed attwali stante li l-lezjoni tad-dritt li jircievi l-'commission' minhabba nuqqas ta' pagament mill-konvenuti kien jezisti mal-prezentata tal-kawza u ghadu jippersisti sal-lum tant li nfethet kawza kontra l-attur stess mill-koperattiva sabiex tirkupra dan l-ammont minghand l-attur fin-nuqqas tal-pagament minghand il-konvenuti.

Illi in vista ta' dak suespost, il-Qorti tqis li l-ilment tal-konvenuti li l-attur ma ghandux l-interess guridiku neccessarju sabiex jipproponi l-kawza odjerna mhux legalment gjustifikat w'ghalhekk ser tghaddi sabiex tkompli tanalizza l-kaz fil-mertu tieghu.

Allegat pagament a saldu:

Fl-eccezzjonijiet taghhom il-konvenuti jsostnu li huma hallsu dak kollu dovut minnhom lill-attur permezz tal-pagament esebit a fol. 8 tal-process, liema pagament fis-sottomissjonijiet taghhom huma jinsistu li kellu jkun a saldu ta' dak kollu dovut lill-attur. F'dan ir-rigward izda din il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet tal-attur li dan id-dokument bl-ebda mod ma jista' jinftiehem li huwa pagament a saldu ta' dak kollu dovut kemm lill-attur wisq anqas lill-koperattiva li nkarigat lill-attur sabiex jigbor il-hlas mitlub f'din il-kawza. Jirrizulta li fuq id-dokument a fol. 8 tal-process verament hemm il-kliem 'paid full' izda dan jista' biss ifisser li thallas kollox dovut fuq dak id-dokument. Bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni ma' tista din il-Qorti tinterpreta l-kliem 'paid full' fuq dan id-dokument

bhala li jfisser pagament a saldu ta' dak kollox dovut anki li mhux muri fuq dak id-dokument. Sabiex it-teorija tal-konvenuti setghet possibilment tirnexxi allura fuq id-dokument kellu mill-anqas jitnizzel il-kliem 'pagament a saldu ta' dak kollu dovut' ghalkemm anki f'dak il-kaz din il-Qorti ghandha dubji serji kemm dak seta' japplika ghall-kont kompletament divers, b'kundizzjonijiet diversi bhal dak odjern fejn il-modalitajiet ta' pagament fil-konfront tal-koperattiva tramite l-attur huma ferm diversi minn dawk li japplikaw ghall-pagament tal-frott u l-haxix minn barra li l-attur kien ibiegh lill-konvenuti direttament u mhux tramite l-koperattiva.

Illi fi kwalunkwe kaz irrizulta car mill-atti li l-pagament ta' tlett elef u tnejn u tmenin Euro u hamsin centezmu (€3082.50) li sar mill-konvenut huwa ghal kollox estraneu ghas-somma rikjesta f'din il-kawza stante li dak il-pagament kien ghall-frott u haxix esportati minn barra dovuti mill-konvenuti direttament lill-attur tant li kienu jinzammu kotba kompletament separati ghall-bejgh ta' dawn il-prodotti lill-konvenuti (ara fol. 205).

Illi jirrizulta li s-somma ta' sitt elef, disa' mija u sitta u tmenin euro u tnejn u erbghin centezmu (€6,986.42) tikkoncerna bejgh ta' prodott lokali mill-pitkal attur Jesmond Mercieca ai termini tal-ftehim li huwa ghandu mal-koperattiva Gozitano, ftehim li huwa ben maghruf mal-konvenuti mill-anqas mal-konvenut Andrew Mercieca kif ikkonferma huwa stess. Dan l-ammont jirrizulta mill-'invoices' esebiti a fol. 160 tal-process, liema 'invoices' huma kompletament separati minn dawk esebiti a fol. 205 u li kif inghad dawn tal-ahhar jirrigwardaw il-prodott barrani.

Illi fl-atti l-konvenuti ma ressqu l-ebda prova li tista' tikkontradixxi l-prova tal-'invoices' mressqa mill-attur li tevidenzja li dan l-ammont ghadu dovut mill-konvenuti kif konfermat ukoll mix-xhieda mpjegati tal-koperattiva Gozitano. L-uniku prova li l-konvenuti ppruvaw isostnu hija li skont huma stante li huma kienu wkoll jiehdu l-prodott taghhom fil-koperattiva,il-koperattiva ghandha tatihom aktar milli huma ghandhom jaghtu izda din l-allegazzjoni bl-ebda mod ma giet sostnuta b'dokumentazzjoni fl-atti.

Illi l-Qorti ghalhekk tqis li t-talba attrici ghall-hlas ta' sitt elef, disa' mija u sitta u tmenin euro u tnejn u erbghin centezmu (€6,986.42) giet sodisfacentement pruvata fl-atti sal-grad rikjest mil-ligi w'ghalhekk ser tghaddi sabiex tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tilqa' t-talba attrici.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' w'tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti tghaddi sabiex tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur Jesmond Micallef is-somma ta' sitt elef, disa' mija u sitta u tmenin euro u tnejn u erbghin centezmu (€6,986.42) rapprezentanti hlas dovut ghall-bejgh ta' diversi provvisti ta' frott u haxix u prodotti relatati mibjugha u kkonsenjati mill-pitkalija ta' Ghawdex (Gozitano), bl-imghax mid-data ta' meta l-ammonti saru dovuti sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri kontra l-konvenut.

Stante li fl-atti ma tressqet l-ebda prova tal-ittri nterpellatorji tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Novembru elfejn u hmistax (2015) u tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Dicembru elfejn u hmistax (2015) tichad it-talba ghall-hlas tal-ispejjez tal-istess.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur